MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 168/2008

**A**

**-vs-**

**Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tas-16 ta' Mejju 2008 gew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-assenti B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-22 ta' April 2008 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fis-16 ta' Lulju 2006 fir-Registru ta' Almaty City, il-Kazakhistan, liema żwieġ ġie debitament registrat hawn Malta bl-iskrizzjoni numru ___/___, kif jidher minn estratt tal-Att taż-Żwieġ relattiv hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;

3. Illi dan iż-żwieġ tfarrak irrimedjabbilment għal raġunijiet validi li jagħtu lok għal separazzjoni personali skond il-Liġi, inkluż adulterju, vjolenza, theddid, sevizzi, inġurja gravi, inkompatibbilta' ta' karattru u deżerzjoni;

4. Illi l-attur ġie awtorizzat jipproċedi bil-kontenzjuż permezz ta' digriet numru 185/08.

Tgħid il-konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b'tort imputabbli unikament lill-konvenuta;

2. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom;

3. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, okkorrendo bl-opra ta' Periti nominandi;

4. Tinnomina kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet imposti mill-Artikoli 48 u 51 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, preżentata fit-13 ta' Ġunju 2008, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament, l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti tal-każ u jirriservaw li jipprovdu r-risposti tagħhom fid-dettall fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-assenti konvenuta;

2. Illi għal dan l-iskop kitbu lill-avukat tar-rikorrent sabiex jingħataw kull informazzjoni inkluż indirizz u numri tat-telefon tal-konvenuta;

Salv eċċezzjonijiet oħra.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom tal-istess partijiet;

Semgħet il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ġunju 2010 illi permezz tiegħu il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob is-separazzjoni mingħand martu l-konvenuta għas-soliti raġunijiet. Il-partijiet iżżewġu l-Każakhistan wara li bdew jikkorrispondu bl-internet, iżda ġew jgħixu Malta. Il-konvenuta għalkemm assenti minn Malta *tramite* l-kuratur li rrappreżentaha bagħtet affidavit illi ġie esebit. Sfortunatament billi qatt ma kienet Malta ma setax isir id-debitu kontro-eżami bir-riżultat li l-Qorti għandha quddiemha allegazzjonijiet mill-attur kontrobattuti b'allegazzjonijiet da parti tal-konvenuta. M'hemmx dubju li finalment din telqet għal kollox mhux biss mid-dar konjugali iżda anke minn Malta.

**TORT**

Illi kif ġia ingħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; l-attur jibbaża l-aktar it-talba tiegħu fuq il-fatt illi l-konvenuta biddlet l-atteġġjament tagħha lejh immedjatament wara illi żżewġu. Bdew jiġġieldu kontinwament, hija riedet dejjem toħroġ u tiddeverti. Skond hu kellha relazzjoni ma' ċertu C u ra diversi komunikazzjonijiet miegħu fuq l-internet, għamlitlu rapport foloz mal-Pulizija li kien isawwatha, marret xi żmien tgħix ma' certa D li kienet is-seftura tagħhom u finalment wara tlett xhur żwieġ qaltlu li riedet tmur pajjiżha biex tbiegħ l-appartament tagħha u ma reġgħetx ġiet lura.

Illi l-konvenuta pprezentat affidavit li fih takkuża lill-attur li kien vjolenti magħha, u anke allegat li l-attur kellu relazzjoni ma' nisa u anke rġiel. Hija tgħid li filgħodu kien ikun normali iżda meta jixrob kien isir vjolenti. Da parti tagħha hija kienet ukoll bdiet proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja permezz ta' ittra tal-15 ta' Frar 2007. Naturalment billi rritornat pajjiżha dawn ma tkomplewx. F'Malta għamlet sa Lulju 2007 impjegata u presumibbilment telqet f'dak il-perjodu. Il-kuratur ressaq diversi xhieda, fosthom *social worker* Marisa Agius li qalet li l-konvenuta kienet irrikorriet l-Aġenzija appoġġ u anke sabet refugju f'wieħed mix-*shelters* tagħhom. D kkonfermat illi l-konvenuta talbitha tgħix ftit magħha għax kellha l-problemi ma' żewġha pero' illum ma tafx fejn qiegħda.

Illi l-attur naturalment ċaħad dan kollu. Qal li veru kien ikollhom kwistjonijet għaliex kienet tberbaqlu l-flus.

Illi l-Qorti m'għandiex dubju illi l-partijiet mill-ewwel bdew jgħixu *f' 'sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* **("Caterina Agius vs Benedict Agius" –** Prim' Awla 13 ta' Ġunju 1967). Fiċ-ċirkostanzi diffiċli li l-Qorti ssib il-vera raġuni għat-tifrik taż-żwieġ iżda jidher illi t-tnejn kellhom ir-responsabbiltajiet tagħhom.

**QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI**

Illi mill-gbir tal-provi ma jirriżultax li l-partijiet kellhom xi assi; kienu jgħixu fid-dar li l-attur xtara ferm qabel iż-żwieġ. (Dokument a fol 44) u d-dar kienet ġia redatta bil-kumditajiet kollha li kien xtara l-attur.

**PROPRJETA' PARAFERNALI U OĠĠETTI OĦRA**

Illi ma jidhirx lanqas li hemm xi proprjetajiet parafernali jew xi mobbli oħra.

**MANTENIMENT**

Illi huwa ċar minn dak li ġia' ingħad li m'hemm ebda lok li xi parti tiġi ordnata tħallas manteniment. Dan għaliex

filwaqt l-attur mhux qed jippretendih, il-konvenuta taħti żgur in parti għat-tifrik taż-żwieġ anke għaliex telqet u abbandunat id-dar matrimonjali u telqet lejn pajjiżha mingħajr ma hadet il-passi legali biex tħares id-drittijiet tagħha.

**DEĊIŻJONI**
**Illi l-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi;**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b'tort tal-partijiet indaqs;**
**2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara li m'hemmx ebda assi;**
**3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba għar-raġuni msemmija;**
**4. Tilqa' r-raba' talba;**

**Spejjeż bla taxxa iżda l-attur għandu jħallas provviżorjament l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------